MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 23/2014

**Victor Mifsud ID No. 648058M u martu Carmen Mifsud ID No. 176363M**

**vs**

**Jonas Galotta passaport svediz 82172250 ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Swedish Delights Limited 9C 604820 kif ukoll fil-kwalita personali tieghu bhala li qieghed jaghmel tajjeb ghall-obbligi tal-kuntratt ta' kera**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk:

Illi l-esponenti kera l-fondi Street Fellows Bar u Cool Fellows Shop gewwa Triq Salvu Privitera, San Giljan permezz ta' skrittura privata datata 6 t'Awissu, 2013;

Illi ghandhom xi pendenzi li baqghalhom ihallsu;

Illi dawn il-pendenzi huma l-hlas tal-kera fuq il-fond, ghal dawn l-ahhar tlett xhur jigifieri Jannar, Frar u Marzu 2014 ammontanti ghal kollox fl-ammont ta' hdax-il elf tmien mija tnejn u sittin euro (€11,862) kont tad-dawl u ilma pendenti fl-ammont ta' tlett mija tmienja u hamsin euro u erbgha u disghin centezmu (€358.94) kif ukoll l-ammont ta' elf tlett mija erbgha u tletin euros u hamsa u tmenin centezmu (€1334.85) rapprezentanti pro rata ta' ammont dovut fuq il-licenzja tal-hanut ammontanti ghal kollox ghal tlettax il-elf hames mija, hamsa u hamsin euros u sebgha u disghin centezmu (€13,555.79)

Illi l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu l-arretrati u xorta baqghu inadempjenti u dan permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Jannar 2014;

Illi fl-opinjoni tar-rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artiklu 16A et seq tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qeghdin isiru dawn il-proceduri sommarji specjali li fihom is-sentenza

ghandha tinghata fl-ewwel dehra fil-kawza jekk l-intimati ikunu kontumaci f'dik is-seduta jew inkella jekk huwa jonqos milli juri f'dik is-seduta li jkollhom difiza li tiswa u li jistghu jaghmlu sabiex jikkontestaw t-talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u jinghataw il-provvedimenti opportuni jgibu ghalhekk l-intimati ghaliex x'ghandux dan l-Onorabbli Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti li qeghdin jitolbu li dan il-Bord joghgbu:

1. Jaqta u jiddeciedi l-kawza tad-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artiklu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jikkundanna lill-intimati ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf hames mija hamsa u hamsin euro u sebgha u disghin centezmu (€13,555.79) rapprezentanti arretrati ghal hlas ta' kera arretrati fil-kontijiet tad-dawl u ilma u arretrati fil-hlas tal-licenzji fuq il-post.

3. Tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-fondi Street Fellows Bar u Cool Fellows Shop it-tnejn jinsabu gewwa Triq Salvu Privitera, San Giljan fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez kontra l-intimati u tal-ittra ufficjali li huma ingunti in subizzjoni.

Ra illi l-intimat debitament notifikat baqa' ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b'dikjarazzjoni guramentata tal-fatti minnu maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimat ma ghandu l-ebda opposizzjoni x'jista' jaghmel skond il-ligi.

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti ikunu milqugha bid-dispensa ta’ smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta’ Malta;

L-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------